**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 1923/00JR**

**Joseph u Josephine konjugi Debono**

**vs**

**Christopher George Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm156.00), danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-20 ta' Frar 2000 fi Triq il-Qajjenza, B'Bugia, bejn il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni SVG 750 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru MIC 191 misjuqa mill-attur u propjeta' ta' Joseph Debono, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba**

**traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenut fit-3 ta' Frar 2001 fejn eccepixxa:**

**Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali citat mill-atturi, peress illi kien l-attur stess unikament responsabbli ghall-habta li grat fl-20 ta' Frar 2000, fi Triq il-Qajjenza, B'Bugia.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Debono, PC 550 George Zammit, Josephine Debono,Joanna Debono, EX PC 94 Mario Camenzuli, Martin Grech, Christopher George Muscat. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Frar, 2000, fi triq il-Qajjenza, Birzebbugia, bejn il-vettura numru MIC-191 misjuqa mill-attur u l-mutur SVG-750 misjuq mill-konvenut.**
2. **Jirrizulta li l-attur kien miexi fil-karreggjata tieghu kif suppost.**
3. **Jirrizulta li l-konvenut f'waqt minnhom tilef il-kontroll u tkaxkar.**

4. **Skond ma hemm imnizzel fir-road accident report il-konvenut qal hekk: "…..I was surprised with something and the motorcycle leaned on the side and kept going on the road in the direction of the oncoming traffic." Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jghid ukoll li kien hemm karozza Ford li hasdithu ghax dehret fsalt. Jghid ukoll li meta hu hasad il-"brake" il mutur zelaq u hu tqaxkar.**

5. **Il-konvenut isostni li ma laqatx lill-attur, izda li l-attur ghadda minn fuqu wara li waqaf u meta kien ma' l-art. It-Tribunal isib din il-versjoni li qed jaghti issa nverosimili, meta huwa ma qalx dan fl-istatement Dok.GZ.**

6. **L-attur u marthu, u mart it-tifel taghhom kienu konsistenti fid-deposizzjoni taghhom. Huma qalu li kienu ghaddejjin fuq in-naha proprja taghhom, meta minn faccata kien hemm dahna u tfacca il-mutur gej b'velocita`, u wara jitlef il-kontroll. Jirrizulta li l-attur waqaf malli ra dan, pero` il-mutur baqa' diehel fih.**

7. **Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

8. **L-attur kellu danni kif jirrizulta mid-Dok.JS5, cioe` fuq il-"mudguard" tal-lemin ta' quddiem, inkluza ir-rota. B'kollox kien hemm mija sitta u hamsin lira (Lm156.00) danni, kif jirrizulta mid-Dok.JS1 sa Dok.JS7.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija sitta u hamsin lira (Lm156.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**